**19 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Angelo Spiteri

*versus*

Giuseppe Zammit et.

**Interess — Użufruttwarju — Self — Legat — Imgħax — Solidarjetà — Kjamata fil-Kawża — Art. 980, 985, u 409 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Hu ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza nostrali illi l-interess huwa l-miżura, mhux biss tal-azzjoni, imma anki tal-eċċezzjoni; jiġifieri illi dan l-interess għandu jinsab tant f'min jipprommwovi ġudizzju, kemm f'min jiġi mħarrek biex jikkontrad ċieħ. Dan l-interess għandu jkollu diversi rekwiżiti; fost ħwejjeġ oħra, għandu jkun leġittimu, jiġifieri għandu jkun konformi għad-dritt; u jekk dan ikun biss interess, u mhux anki dritt, l-azzjoni ma treġix; u għandu wkoll ikun sussis-*

*tenti fil-konfront tal-konvenut magħżul bħala kontradittur leġittimu fil-kawża.*

*L-użufruttwarju ġenerali għandu dejjem jiġi kunsidrat bħala legatarju; u bħala tali mhuwiex obligat personalment għad-djun tal-eredità. Xejn ma jiswa illi, skond il-liġi, l-użufruttwarju universali huwa obligat iħallas l-imgħaxijiet tad-djun li jkun hemm fuq l-assi; għaliex dan l-obligu jirrkorri biss fil-konfront tal-eredi proprjetarji, u mhux anki b'mod dirett fil-konfront tat-terzi kredituri, li jaġixxu biex jinkassaw kreditu li għandhom kontra l-eredità. Għaldaqstant l-użufruttwarju ġenerali ma għandux jiġi konvenut fil-kawża li t-terz kreditur jagħmel biex jinkassa kreditu li huwa għandu kontra l-eredità, avvolja jiġi mħarrek għall-interess li jista' jkollu"; għaliex jibqa' dejjem veru illi l-interess ġuridiku, barra mir-rekwiżiti fuq imsemmija, għandu jkun attwali, u mhux ipotetiku; u għalhekk dak l-użufruttwarju, konvenut f'ġudizzju simili, għandu jiġi liberat mid-domanda, bħala li ma għandux interess fil-ġudizzju.*

*Fil-każ ta' self mingħajr ftehim dwar meta għandu jiġi restitwit il-kapital, ikun hemm, ġuridikament, ftehim mingħajr terminu konvenzjonali; u kwindi, biex jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet, jeħtieġ li d-debitur jiġi kostitwit 'n mora per mezz ta' att ġudizzjarju; għax fl-assenza ta' terminu stabbilit għar-restituzzjoni, il-prinċipju "dies interpellat pro homine" ma jseħħx, u l-imgħax ma jibdiex jgħaddi.*

*Jekk mbgħad l-interpellazzjoni ssir wara l-mewt tad-debitur lil xi wħud mill-eredi, u oħrajn ma jiġux notifikati bl-interpellazzjoni, l-imgħax jibda jgħaddi minn notifika, u biss kontra dawk li jkunu ġew interpellati; u l-eredi jistgħu jkunu obligati jħallsu d-dejn mhux solidalment, imma skond ma jirtu; jiġifieri skond is-sehem tagħhom fil-wirt.*

**Il-Qorti:**— Rat iċ-ċitazzjoni, li biha, wara li ppremetta li l-istess Angelo Spiteri kien ħareġ flus b'self bi ftehim u b'inkariku tal-mejjet Don Michele Zammit, sabiex iħallas il-kontijiet u l-ispejjeż magħmulin għar-rikostruzzjoni tad-djar 27, 28 u 29 Saint Benedict Street, Kirkop, il-lum numri 9, 10 u 11 fl-istess trieq; liema flus ammontaw għas-somma

ta' £1289.11.6; li minnhom l-istess Don Michele Zammit ħallas £150 akkont, u għalhekk baqa' bilanċ ta' £1139.11.6 dovut lill-attur, skond l-anness prospett (dok. X); u peress li l-istess Don Michele Zammit, non ostante li baqa' debitur lejn l-attur, baqa' ripetutament jgħidlu li ser iħallsu (dok. C u D), sakemm miet għal għarrieda (dok. A); u illi b'testment fl-atti tan-Nutar Giovanni Caruana tal-21 ta' Frar 1949 l-istess Don Michele Zammit ħalla użufruttwarja universali lil Grazia Zammit, u eredi universali tiegħu lill-konvenuti l-oħra Giuseppe, Emmanuele, Nicola, Gerardo, Teresa Debattista, Maria Ghigo u Rita Grech, ilkoll aħwa Zammit, fi kwoti ugwali (dok. B); u illi l-konvenuti, non ostante li għal żmien twil illużingaw lill-attur li sejrin iħallsu dan id-dejn tal-awtur tagħhom, u xi wħud minnhom, kif jiġi pruvat, sa talbu lill-attur biex ma jieħux passi legali, għax kienu sejrin ibiegħu fondi immobiljari biex iħallsuh; premessa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja, u okkorrendo d-dikjarazzjoni illi l-konvenuti Giuseppe, Emmanuele, Nicola, Gerardo, Teresa Debattista, Maria Ghigo, u Rita Grech, in-nisa miżżewġin assistiti minn żwieġhom, huma l-eredi testamentarji fi kwoti ugwali tal-mejjet Don Michele Zammit, u li Grazia Zammit hi użufruttwarja ġenerali tal-assi tiegħu, skond l-istess testment, u mogħti kull provvediment opportun, talab li l-konvenuti jiġu kundannati iħallsu lill-attur is-somma ta' £1139.11.6, maħruġa minnu bi ftehim ta' self u b'inkariku tal-mejjet Don Michele Zammit, għar-rikostruzzjoni tad-djar numri 9, 10 u 11 Saint Benedict Street, Kirkop; bl-ispejjeż;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, wasal għall-konklużjoni (1) illi l-attur għandu jieħu £982.11.6, recte £1082.11.6, u bħala kumpens tal-flus li ħareġ l-attur għandu jieħu mill-14 ta' Diċembru 1950 sal-24 ta' Jannar 1952 fuq il-bażi tal-kera tal-fond minnu okkupat, jiġifieri fuq il-bażi ta' £9.10.0 fis-sena, u mill-25 ta' Jannar il-quddiem fuq il-bażi tal-kera fissat mill-Board kompetenti ta' £21 fis-sena, u (2) illi l-eċċezzjoni tal-konvenuta Grazia

armla Zammit tinsab bażata fill-fatt u fil-liġi, billi ma jidherx illi hija għandha nteress f'din il-kawża;

Illi l-konvenuti, non ostanti d-diversi differimenti lilhom mogħtija, ma ppreżentaw ebda kritika għar-relazzjoni peritali;

Illi l-attur, fin-nota tiegħu fuq riferita, attakka dik irrelazzjoni fuq diversi punti li, għall-kjarezza tal-espożizzjoni, xieraq li jkunu eżaminati separatament;

Illi l-ewwel punt ta' kritika jirrigwarda l-konklużjoni raġġunta mill-perit li l-konvenuta Grazia Zammit, bħala użufruttwarja universali ta' Don Michele Zammit, ma għandhiex interess fil-kawża. F'dan ir-rigward, huwa ormaj paċifiku, anki fil-ġurisprudenza tagħna, illi l-interess huwa l-miżura mhux biss tal-azzjoni, imma anki tal-eċċezzjoni (Kollez. XXIV-II-627); jiġifieri, dan l-interess għandu jinsab tant f'min jipproponi domanda ġudizzjarja, kemm f'min jiġi mħarrek biex jikkontraddiċiha. Dan l-interess għandu jkollu diversi rekwiżiti; fost ħwejjeġ oħra għandu jkun leġittimu, jiġifieri għandu jkun konformi għad-dritt; u jekk dan ikun biss interess, u mhux anki dritt, l-azzjoni ma treġix (Kollez. XXXVII-III-889); u għandu jkun ukoll sussistenti fil-konfront tal-konvenut magħżul bħala kontradittur leġittima fil-kawża (Kollez. XXIV-II-627; u XXXVII-II-889);

Illi, premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, il-konklużjoni tal-perit tidher f'lokha. Difatti, Grazia Zammit, għad li ġiet kostitwita użufruttwarja universali minn Don Michele Zammit, ġuridikament għandha tiġi kunsidrata dejjem bħala legatarja (Kollez. XXV-II-308); u bħala tali mhix obligata personalment għad-dejn tal-eredità (art. 980 u 985 tal-Kodiċi Ċivili). Xejn ma jiswa illi skond l-art. 409 tal-istess Kodiċi l-użufruttwarju universali obligat iħallas l-imgħaxijiet tad-djun li jkun hemm fuq l-assi; għaliex dan l-obligu jirrikorri biss fil-konfront tal-eredi proprjetarji, u mhux anki b'mod dirett fil-konfront tat-terzi kredituri, kif inhu l-attur. Lanqas jiswa illi Grazia Zammit ġiet imħarrka "għall-interess li jista' jkollha"; għaliex jibqa' dejjem veru illi l-interess ġuridiku, barra mir-rekwi-

żiti fuq imsemmija, għandu jkun anki attwali, u mhux ipotetiku. Konsegwentement, is-sottomissjoni tal-attur fuq dan il-pont mhix f'lokha;

Illi fit-tieni lok l-attur qiegħed joppponi ruħu għall-mod kif il-perit ikkalkola l-kumpens dovut għall-flus mislufa lil Don Michele Zammit. F'dan ir-rigward, l-attur xehed hekk:— "Ftehemna jiena u Don Michele li jiena ma neħodlux tal-imgħax u ma nħallasx kera tal-fond fejn noqgħod" (fol. 69). Dan il-ftehim ma stabbilixxa ebda żmien; u għalhekk ġuridikament għandu jitqies bħala ftehim mingħajr terminu konvenzjonali. Kwindi, biex setgħu jiddekorru l-imgħax, kien meħtieġ li d-debitur jiġi kostitwit "in mora" per mezz ta' att ġudizzjarju; difatti, fl-assenza ta' terminu stipulat, il-prinċipju "dies interpellat pro homine" ma jseħħx; u kien hemm bżonn ukoll illi l-eredi ta' Don Michele Zammit jiġu nfurmati li l-ftehim fuq imsemmi spiċċa minħabba l-fatt ġdid illi Marianna Micallef (il-lum Magro), bħala użufruttwarja tal-bini deskritt fiċ-ċitazzjoni, kienet teżiġi minn għand l-attur il-ħlas tal-kera. Kien għaldaqstant obligu tal-attur li jinterpella lill-eredi ta' Don Michele Zammit għall-ħlas tad-dejn skond ma jippreskrivi l-art. 1184(2) tal-Kodiċi Ċivili; u din l-interpellazzjoni saret bl-ittra uffiċjali tat-3 ta' Marzu 1953, notifikata fis-6 ta' dan ix-xahar lill-konvenuti kollha, barra minn Nicola Zammit; u minn dak inhar għandhom jiddekorru l-interessi legali. Mhix aċċettabbli, f'dan ir-rigward, is-sottomissjoni tal-perit (fol. 186), li ċjoè d-dizzjoni wżata f'dik l-ittra uffiċjali mhix biżżejjed għad-dekorrenza tal-imgħax, u li kwindi l-attur ma għandux dritt għall-imgħax ħlief minn notifika taċ-ċitazzjoni. Apparti l-fatt illi dik l-interpellazzjoni tikkonprendi anki l-lukri "li għaddew u li qegħdin jgħaddu", skond l-art. 1184 fuq ċitat mhux meħtieġ illi l-intima tikkomprendi l-interpellazzjoni għall-ħlas tad-dejn u tal-imgħax; il-liġi tirrikjedi biss "is-sejħa għall-ħlas", u "l-imgħaxijiet jgħaddu minn dak inhar". Għalhekk l-attur huwa ntitolat għall-ħlas tal-imgħax legali, jiġifieri tal-ħamsa fil-mija fis-sena (art. 1184 (2) u 1615 Kod. Ċiv.), mis-6 ta' Marzu 1953, kontra l-konvenuti notifikati bl-imsemmija ittra uffiċjali, u kontra l-konvenut Nicola Zammit mis-7 ta' Jannar 1955, meta hu ġie notifikat biċ-ċitazzjoni;

Illi, għad li l-attur qiegħed jitlob somma unika mill-konvenuti, dawn, bħala eredi, jistgħu jiġu obligati jħallsu d-dejn mhux solidalment, imma, fl-assenza ta' dispożizzjoni diversa tat-testatur, fil-proporzjon ta' sehemhom fil-wirt (art. 980(2) fuq ċitat), jiġifieri ta' settimu (1/7) kull wieħed, skond l-art. 14 tat-testment fol. 7 tal-proċess, ammontanti dan is-sehem għal £154.13.10 u 2/7d.) kull wieħed;

Għal dawn il-motivi;

Prevja konferma tal-konklużjonijiet peritali kif fuq modifikati;

Tiddikjara illi l-konvenuta Grazia Zammit ma għandhiex interess f'din il-kawża, u tilliberaha; bl-ispejjeż kontra l-attur;

U tilqa' t-talba tal-attur, billi tikkundanna lis-sebgħa konvenuti l-oħra jħallsu, fi porporzjonijiet indaqs, is-somma ta' £1082.11.6, jiġifieri £154.13.10 u 2/7d. kull wieħed, bl-imgħax tal-5% fis-sena mis-6 ta' Marzu 1953, barra mill-konvenut Nicola Zammit, li għandu jħallas dak l-imgħax minn notifika taċ-ċitazzjoni;

L-ispejjeż jitħallsu bejn il-partijiet skond ir-rebħ u t-telf.